Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2020/0279(COD)

9.12.2021

EMENDI
735 - 1173

Abbozz ta' rapport
Tomas Tobé
(PE698.950v01-00)

Il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]

Proposta għal regolament
(COM(2020)0610 – C9-0309/2020 – 2020/0279(COD))

Emenda 735
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skont ***il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, u bl-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka***, dan ir-Regolament:	***Filwaqt li jirrikonoxxi s-sovranità tal-Istati Membri, u*** skont ***id-dmir ta' kull Stat Membru li jħares liċ-ċittadini tiegħu u jiddefendi l-libertà ta' moviment tagħhom skont l-Artikolu 45 tat-TFUE***, dan ir-Regolament:

Or. en

Emenda 736
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Skont il-prinċipju ***tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà***, u bl-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, dan ir-Regolament:	Skont il-prinċipju ***tal-kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri***, u bl-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka ***u tittejjeb is-sigurtà taċ-ċittadini***, dan ir-Regolament:

Or. en

Emenda 737
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxi qafas komuni għall-	***imħassar***

ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 738
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-Unjoni;	(a) jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-Unjoni ***u l-implimentazzjoni xierqa tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil***;

Or. en

Emenda 739
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxi qafas ***komuni*** għall-ġestjoni ***tal-ażil u l-migrazzjoni*** fl-Unjoni;	(a) jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni ***tal-applikazzjonijiet għall-ażil*** fl-Unjoni ***u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni***;

Or. en

Emenda 740
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u ***l-migrazzjoni fl-Unjoni***;	(a) jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u ***l-mitigazzjoni tal-migrazzjoni fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea***;

Or. en

Emenda 741
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxi qafas komuni ***għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni*** fl-Unjoni;	(a) jistabbilixxi qafas komuni ***biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ażil*** fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 742
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxi qafas komuni ***għall-ġestjoni tal-ażil*** u l-migrazzjoni fl-Unjoni;	(a) jistabbilixxi qafas komuni ***għall-ażil*** u l-migrazzjoni fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 743
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) jistabbilixxi ***mekkaniżmu għas-solidarjetà***;	(b) jistabbilixxi ***miżuri ta' kooperazzjoni għal distribuzzjoni effiċjenti fost l-Istati Membri tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali li l-eliġibbiltà tagħhom tkun ġiet stabbilita f'ċentri tal-ipproċessar ta' pajjiżi terzi, kif ukoll għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***;

Or. en

Emenda 744
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi ***mekkaniżmu għas-solidarjetà***;	(b) jistabbilixxi ***metodi għall-kooperazzjoni volontarja bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi sħab***;

Or. en

Emenda 745
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi mekkaniżmu għas-solidarjetà;	(b) jistabbilixxi mekkaniżmu ***sostenibbli*** għas-solidarjetà ***kif stabbilit fl-Artikolu 80 tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 746

Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi mekkaniżmu għas-solidarjetà;	(b) jistabbilixxi mekkaniżmu għas-solidarjetà ***u l-kondivižjoni ġusta tar-responsabbiltà***;

Or. en

Emenda 747
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi mekkaniżmu għas-solidarjetà;	(b) jistabbilixxi mekkaniżmu għas-solidarjetà ***volontarja***;

Or. en

Emenda 748
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 749
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat*** l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	(c) ***jiddetermina li*** l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***normalment ikun l-Istat Membru tal-ewwel dħul; jipprovdi linji gwida għall-appoġġ tal-Kummissjoni, jekk mitluba minn Stat Membru, billi jiżgura li l-fondi kollha allokati jintużaw biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari tal-massa; jiffaċilita r-ritorn fil-pront tal-migranti irregolari***.

Or. en

Emenda 750
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali**.**	(c) jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***magħmula fi Stat Membru minn persuna li tkun waslet b'mod irregolari fit-territorju tal-Unjoni Ewropea***

Or. en

Emenda 751
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat ***tal-KE*** u li mhijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53];	(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*** u li mhijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53];
[53] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.	[53] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 752
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin ***tal-Unjoni*** fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat tal-KE u li mhijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-	(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin ***ta' Stat Membru*** fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat tal-KE u li mhijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53];	Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53];
_____	_____
[53] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.	[53] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Or. en

Emenda 753
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) "migrant irregolari" tfisser kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jidħol fit-territorju tal-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel fil-forma ta' viża jew permess ta' residenza jew li jidħol fi Stat Membru bil-forza, jew persuna li tidħol fi Stat Membru u ma tapplikax għall-protezzjoni mal-ewwel opportunità. Persuna li tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali trid tagħmel dan b'mod paċifiku u mal-ewwel opportunità possibbli (f'post ta' kontroll fuq il-fruntiera, f'post ta' żbark, jew f'faċilità tal-ipproċessar tal-ażil). Jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jidħol fi Stat Membru bil-forza jew jgħaddi minn Stat Membru mingħajr ma japplika għall-protezzjoni, kwalunkwe applikazzjoni li tiġi ppreżentata tiġi miċħuda, il-persuna titqies bħala migrant irregolari, u tinżamm f'detenzjoni u tiġi rritornata lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha.

Or. en

Emenda 754
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) "persuna mingħajr Stat" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, iffirmata fi New York fit-28 ta' Settembru 1954.
	(Din l-emenda għandha tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti tul it-test kollu.)

Or. en

Emenda 755
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) "persuna mingħajr Stat" tfisser persuna li l-ebda Stat ma jikkunsidraha ċittadina tiegħu taħt il-liġi tiegħu;

Or. en

Emenda 756
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni magħmula lil Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;	(b) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni magħmula lil Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat***,*** jew ***persuna li qed tfittex*** status ta' protezzjoni sussidjarja ***iżda biss f'każijiet fejn ma setgħetx tingħata protezzjoni fir-reġjun; "protezzjoni internazzjonali" kif iddefinita f'dan ir-Regolament ma tinkludix viżi umanitarji maħruġa minn Stat Membru fuq bażi diskrezzjonali***;

Or. en

Emenda 757
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni magħmula lil Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;	(b) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni magħmula lil Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi***, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja; *(Din l-emenda għandha tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti tul it-test kollu.)*

Or. en

Emenda 758
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni magħmula lil Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;	(b) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni magħmula lil Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li jista' jinftiehem li ***ġenwinament*** qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;

Or. en

Emenda 759
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1) "persuna mingħajr Stat" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi, iffirmata fi New York fit-28 ta' Settembru 1954.

Or. en

Emenda 760
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "ċentri ta' akkoljenza ta' pajjiżi terzi" tfisser ċentri li jinsabu barra mill-Unjoni Ewropea, operati minn sħab ta' pajjiżi terzi u appoġġjati finanzjarjament u loġistikament mill-Istati Membri jew mill-Unjoni Ewropea bil-għan li ssir

distinzjoni bejn migranti irregolari li se jiġu rritornati u dawk li huma ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li għalihom tiġi pprovduta protezzjoni internazzjonali f'pajjiżi terzi sħab.

Or. en

Emenda 761
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) "ċentri ta' pproċessar ta' pajjiżi terzi" tfisser ċentri li jinsabu barra mill-Unjoni, operati mill-Unjoni Ewropea f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiż terz ospitanti bil-għan li ssir distinzjoni bejn migranti irregolari li se jiġu rritornati u dawk li huma ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali li għalihom tapplika d-distribuzzjoni;

Or. en

Emenda 762
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu ***għamlu applikazzjoni*** għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru ***kkonċernat, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li***	(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu ***ġew fl-Unjoni Ewropea direttament minn pajjiż jew territorju fejn ħajjithom jew il-libertà tagħhom kienu mhedda skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (il-Konvenzjoni tal-1951), u li ppreżentaw***

jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni ***immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni];***

ruħhom mingħajr dewmien quddiem l-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju ***jew għadha tista' tkun soġġetta għalih. L-applikanti ma għandhomx jitqiesu li ppreżentaw ruħhom mingħajr dewmien quddiem l-awtoritajiet sakemm —***

(i) f'każ ta' persuna li saret rifuġjat waqt li kienet barra mill-Unjoni Ewropea, din tkun ressqet talba għall-asil malli kien raġonevolment prattiku wara l-wasla tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(ii) f'każ ta' persuna li saret rifuġjat waqt li kienet fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea —

(1) jekk il-preżenza tagħha fl-Istat Membru ***kienet legali f'dak il-mument, tkun ressqet talba għall-asil qabel il-mument meta l-preżenza tagħha fl-Istat Membru saret illegali;***

(2) jekk il-preżenza tagħha fl-Istat Membru kienet illegali f'dak il-mument, tkun ressqet talba għall-asil malli kien raġonevolment prattiku wara li saret konxja tal-ħtieġa tagħha ta' protezzjoni ***internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar ir-Rifuġjati.***

Or. en

Emenda 763
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni	(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni

internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat***, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni]***;	internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat ***jew għadha tista' tkun soġġetta għalih***;

Or. en

Emenda 764
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat***, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];***	(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni ***finali***, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat ***jew għadha tista' tkun soġġetta għalih***
	(Din l-emenda għandha tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti tul it-test kollu.)

Or. en

Emenda 765
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, ***jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa'*** skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];	(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];

Or. en

Emenda 766
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat	(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat

Membru kkonċernat, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];	Membru kkonċernat ***jew għadha tista' tkun soġġetta għalih***, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni]***, u individwi li qed jistennew deċiżjoni ta' appell***;

Or. en

Emenda 767
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], ***inkluż*** persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];	(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat ***jew għadha tista' tkun soġġetta għalih***, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], ***jew ċittadin ta' pajjiż terz jew*** persuna ***apolida*** li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];

Or. en

Emenda 768

Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni***, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];	(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***mingħajr ma daħlet fi Stat Membru illegalment***, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat ***jew għadha tista' tkun soġġetta għalih***, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' force majeure fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];

Or. en

Emenda 769
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) "tfal" tfisser minorenni taħt l-età ta' 13-il sena,

Or. en

Emenda 770

Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser eżami tal-ammissibbiltà jew tal-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ***ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika], eskluži proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament***;	(d) "eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser eżami tal-ammissibbiltà jew tal-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ***il-konvenzjonijiet applikabbli tan-Nazzjonijiet Uniti attwalment fis-seħħ***;

Or. en

Emenda 771
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser eżami tal-ammissibbiltà jew tal-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]***, eskluži proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament***;	(d) "eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser eżami tal-ammissibbiltà jew tal-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika] ***jew il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li għandhom stabbiliti ftehimiet ma' nazzjonijiet sħab ta' pajjiżi terzi għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet u li jospitaw lil dawk li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali***;

Or. en

Emenda 772
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser eżami ***tal-ammissibbiltà jew*** tal-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika], eskluż proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament;	(d) "eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser eżami tal-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika], eskluż proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 773
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "***benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali ***kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]***;	(f) "***benefiċjarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali ***f'ċentru tal-ipproċessar ta' pajjiż terz jew fit-territorju tal-Istati Membri wara li tkun waslet irregolarment fl-Unjoni Ewropea u skont il-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli***;

Or. en

Emenda 774
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "***benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika];	(f) "***benefiċjarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus tal-Persuni Apolidi,*** li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]; *(Din l-emenda għandha tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha teħtieġ bidliet korrispondenti tul it-test kollu.)*

Or. en

Emenda 775
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "***benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali ***kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]***;	(f) "***benefiċjarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali ***f'pajjiż terz jew fi Stat Membru***;

Or. en

Emenda 776
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari,

Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "***benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali kif definit ***fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kwalifika]***;	(f) "***benefiċjarju*** ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali kif definit ***mill-Istat Membru rispettiv***;

Or. en

Emenda 777
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "membri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:	***imħassar***
(i) il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;	
(ii) it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, bil-kondizzjoni li mhumiex miżżewġin u irrispettivament minn jekk twildux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;	

(iii) meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

(iv) meta l-benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn il-benefiċarju jkun preżenti;

(v) l-aħwa tal-applikant;

Or. en

Emenda 778
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "membri tal-familja" tfisser***,*** ***sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri,*** il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:	(g) "membri tal-familja" tfisser il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

Or. en

Emenda 779
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "membri tal-familja" tfisser***,***	(g) "membri tal-familja" tfisser il-

sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

membri tal-familja tal-applikant ***jew tal-benefiċjarju*** li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

Or. en

Emenda 780
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "membri tal-familja" tfisser***, sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri,*** il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:	(g) "membri tal-familja" tfisser il-membri tal-familja tal-applikant ***jew tal-benefiċjarji*** li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

Or. en

Emenda 781
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "membri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:	(g) "membri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri***, u li***

magħhom ikun hemm rabta familjari bi provi ċari:

Or. en

Emenda 782
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "membri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:	(g) "membri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti ***fil-pajjiż tal-oriġini*** qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

Or. en

Emenda 783
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;	***imħassar***

Or. en

Emenda 784

Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ***il-konjuġi*** tal-applikant jew ***is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;***	(i) ***is-sieħeb jew sieħba*** tal-applikant jew ***tal-benefiċjarju;***

Or. en

Emenda 785
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli***, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz***;	(i) il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli;

Or. en

Emenda 786
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;	(i) il-konjuġi tal-applikant ***jew tal-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali*** jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika ***tal-pajjiż tal-oriġini jew*** tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz;

Or. en

Emenda 787
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-konjuġi tal-applikant ***jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli,*** fejn ***il-liġi jew il-prattika tal-Istat*** Membru kkonċernat ***tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu marbuta ma' ċittadini ta' pajjiż terz***;	(i) il-konjuġi tal-applikant***, biss*** fejn ***il-pajjiż tal-oriġini u l-Istat*** Membru kkonċernat ***jirrikonoxxu ż-żwieġ f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom***;

Or. en

Emenda 788
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ii) it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, bil-kundizzjoni li mhumiex miżżewġin u irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 789
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant***, bil-kundizzjoni li mhumiex miżżewġin u*** irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;	(ii) it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant***, u t-tfal adulti li huma inkarigati minnhom,*** irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit ***jew rikonoxxut*** taħt id-dritt nazzjonali***, kif ukoll it-tfal l-oħra li jkunu responsabbli għalihom***;

Or. en

Emenda 790
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-tfal ***minorenni*** ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, ***bil-kundizzjoni li mhumiex miżżewġin u*** irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;	(ii) it-tfal ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit ***jew rikonoxxut*** taħt id-dritt nazzjonali***, kif ukoll it-tfal l-oħra li tagħhom għandhom responsabbiltà ta' ġenitur***;

Or. en

Emenda 791
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-tfal ***minorenni*** ta' ***koppji*** msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant***, bil-kundizzjoni li mhumiex miżżewġin*** u irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;	(ii) it-tfal ta' ***sħab*** msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant ***jew tal-benefiċjarju,*** u irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;

Or. en

Emenda 792
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, ***bil-kundizzjoni li mhumiex miżżewġin u*** irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali***;***	(ii) it-tfal minorenni ***jew adulti dipendenti*** ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali

Or. en

Emenda 793
Charlie Weimers

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 794
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) meta l-applikant ikun minorenni ***u mhux miżżewweġ***, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;	(iii) meta l-applikant ikun minorenni ***jew wild adult dipendenti***, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

Or. en

Emenda 795
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant***,*** ***kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-***	(iii) meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor ***legament*** responsabbli għall-applikant;

prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

Or. en

Emenda 796
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ***meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ,*** il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;	(iii) il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

Or. en

Emenda 797
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) meta l-applikant ikun minorenni ***u mhux miżżewweġ***, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;	(iii) meta l-applikant ikun minorenni, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

Or. en

Emenda 798

Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) meta l-applikant ikun minorenni ***u mhux miżżewweġ***, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;	(iii) meta l-applikant ikun minorenni, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

Or. en

Emenda 799
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) meta l-benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn il-benefiċarju jkun preżenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 800
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) meta ***l-benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni ***u mhux miżżewweġ***, il-missier, l-omm jew adult	(iv) meta ***l-benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni ***jew wild adult dipendenti***, il-missier, l-omm jew

ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***il-benefiċarju*** jkun preżenti;	adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***il-benefiċjarju*** jkun preżenti;

Or. en

Emenda 801
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) meta ***l-benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni ***u mhux miżżewweġ***, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***il-benefiċarju*** jkun preżenti;	(iv) meta ***l-benefiċjarju*** ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***l-adult jew il-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali*** jkun preżenti;

Or. en

Emenda 802
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) ***meta l-benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni u mhux miżżewweġ,*** il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli ***għalih jew għaliha***, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***il-benefiċarju*** jkun preżenti;	(iv) il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli ***għall-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali***, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***il-benefiċjarju*** jkun preżenti;

Or. en

Emenda 803
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) meta ***l-benefiċarju*** ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni ***u mhux miżżewweġ***, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***il-benefiċarju*** jkun preżenti;	(iv) meta l***-benefiċjarju*** ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn ***il-benefiċjarju*** jkun preżenti;

Or. en

Emenda 804
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-aħwa tal-applikant;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 805
Lukas Mandl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-aħwa tal-applikant;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aħwa ma għandhomx jiġu inklużi f'din id-definizzjoni, fost oħrajn minħabba li anki l-aħwa mill-missier jew mill-omm jistgħu jkunu koperti. Id-definizzjoni tar-Regolament ta' Dublin attwali għandha tinżamm.

Emenda 806
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-aħwa tal-applikant;	***imħassar***

Or. en

Emenda 807
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-aħwa tal-applikant;	***imħassar***

Or. en

Emenda 808
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-aħwa tal-applikant;	***imħassar***

Or. en

Emenda 809
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-aħwa tal-applikant;	(v) l-aħwa tal-applikant***, dment li l-applikant ikun minorenni taħt l-età ta' 14-il sena***;

Or. en

Emenda 810
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-aħwa tal-applikant;	(v) l-aħwa***, u n-nannu/nanna jew in-nanniet*** tal-applikant ***jew tal-benefiċjarju***;

Or. en

Emenda 811
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) B'deroga mill-punti (ii), (iii) u (iv), meta l-minorenni jkun miżżewweġ, il-konjuġi adult jikkostitwixxi membru tal-familja dment li ż-żwieġ ikun konformi mad-dritt nazzjonali rilevanti kieku kien ikkuntrattat fl-Istat Membru kkonċernat,

b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni tal-età legali taż-żwieġ.

Or. en

Emenda 812
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(va) il-membru ta' unitajiet domestiċi li kienu jeżistu fil-pajjiż ta' oriġini;

Or. en

Emenda 813
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "qarib" ifisser iz-zija jew iz-ziju jew in-nannu/a tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:	***imħassar***

Or. en

Emenda 814
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "qarib" ***ifisser*** iz-zija jew iz-ziju jew in-nannu/a tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:	(h) "qarib" ***tfisser*** iz-zija jew iz-ziju jew in-nannu/a ***jew il-kuġin/a jew in-neputi jew in-neputija*** tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:

Or. en

Emenda 815
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "qarib" ***ifisser*** iz-zija jew iz-ziju ***jew in-nannu/a*** tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stati Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:	(h) "qarib" ***tfisser*** iz-zija jew iz-ziju***,*** ***jew il-kuġin/a*** tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stati Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:

Or. en

Emenda 816
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;	***imħassar***

Or. en

Emenda 817
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;	(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena***. Dan għandu jiġi stmat, fejn applikabbli, fil-mument tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali***;

Or. en

Emenda 818
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;	(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena; ***l-istima tal-età tista' tiġi vverifikata bi kriterji xjentifiċi inkluża l-istima tal-età dentali (DAE).***

Or. en

Emenda 819
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;	(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** taħt l-età ta' 18-il sena;

Or. en

Emenda 820
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;	(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena ***iżda ta' aktar minn 13-il sena***;

Or. en

Emenda 821
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(ia) "tfal mhux akkumpanjati" tfisser minorenni taħt l-età ta' 13-il sena li jaslu fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjati minn adult responsabbli għalihom, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u għaż-żmien li huma effettivament ma jkunux fil-kura ta' tali adult; tinkludi**

	minorenni taħt l-età ta' 13-il sena li jitħallew mhux akkumpanjati wara li huma jkunu daħlu fit-territorju tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 822
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser minorenni li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u għaż-żmien li huwa jew hija ma tkunx fil-kura ta' tali adult; tinkludi minorenni li jitħalla mhux akkumpanjat wara li huwa jew hija jkunu daħlu fit-territorju tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 823
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni ***maħtura mill-korpi*** kompetenti ***sabiex tgħin*** u ***tirrappreżenta lill-minorenni*** mhux akkumpanjat ***fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati*** l-aħjar interessi ***tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ;***	(k) "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni***, inkluża awtorità pubblika ddeżinjata mill-awtoritajiet jew il-korpi*** kompetenti***, bil-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa, inkluż fir-rigward tat-trattament u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' minorenni, sabiex jirrappreżentaw, jassistu*** u ***jagixxu f'isem minorenni*** mhux

akkumpanjat***, kif applikabbli, sabiex jissalvagwardjaw*** l-aħjar interessi ***u l-benesseri ġenerali tiegħu jew tagħha u sabiex il-minorenni mhux akkumpanjat ikun jista' jgawdi d-drittijiet skont dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 824
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) "***rappreżentant***" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti ***sabiex tgħin*** u ***tirrappreżenta lill-minorenni*** mhux akkumpanjat ***fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati*** l-aħjar interessi ***tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ***;	(k) "***gwardjan***" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti***, bil-ħiliet u l-kompetenza meħtieġa, inkluż fir-rigward tat-trattament u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' minorenni, sabiex jirrappreżentaw, jassistu*** u ***jaġixxu f'isem minorenni*** mhux akkumpanjat***, kif applikabbli, sabiex jissalvagwardjaw*** l-aħjar interessi ***u l-benesseri ġenerali tiegħu jew tagħha u sabiex il-minorenni mhux akkumpanjat ikun jista' jgawdi d-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi skont dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 825
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) "***rappreżentant***" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi	(k) "***gwardjan***" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi

kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu ***żgurati*** l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ;	kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu ***ssalvagwardjati*** l-aħjar interessi tat-tifel/tifla***, u l-benesseri tiegħu jew tagħha,*** u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ***, kif definita fl-Artikolu 4(2)(f) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil]***;

Or. en

Emenda 826
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux ***akkumpanjat*** fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ;	(k) "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni ***jew lit-tifel/tifla*** mhux ***akkumpanjati*** fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni ***jew it-tifel/tifla*** fejn meħtieġ;

Or. en

Emenda 827
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(k) "***rappreżentant***" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ;	(k) "***gwardjan***" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ;

Or. en

Emenda 828
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) "konsulent kunfidenzjali" tfisser kwalunkwe persuna maħtura mill-applikant biex takkumpanjah jew takkumpanjaha għall-intervista personali.

Or. en

Emenda 829
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) "dokument ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li tawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat biex toqgħod fit-territorju tiegħu, inkluż id-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu milli ordni ta'	***imħassar***

tneħħija tkun eżegwita ma japplikawx aktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perjodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

Or. en

Emenda 830
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) "dokument ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li tawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat biex toqgħod fit-territorju tiegħu, inkluż id-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu milli ordni ta' tneħħija tkun eżegwita ma japplikawx aktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perjodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;	(l) "dokument ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li tawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat***, skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** biex toqgħod fit-territorju tiegħu, inkluż id-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu milli ordni ta' tneħħija tkun eżegwita ma japplikawx aktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perjodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

Or. en

Emenda 831

Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ma) "Rabtiet sinifikanti" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: il-pussess ta' diploma jew kwalifika, il-preżenza legali ta' qraba, li wieħed ikun benefiċjarju ta' sponsorizzazzjoni, rabtiet lingwistiċi u kulturali b'saħħithom, soġġorni jew residenza legali preċedenti;

Or. en

Emenda 832
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb wara mill-inqas perjodu ta' studju ta' tliet xhur fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut tal-istat jew reġjonali, mill-inqas ekwivalenti għal-livell 2 tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni; operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 833
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb wara mill-inqas perjodu ta' studju ta' tliet xhur fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut tal-istat jew reġjonali, mill-inqas ekwivalenti għal-livell 2 tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni; operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 834
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb wara mill-inqas perjodu ta' studju ta' ***tliet*** xhur fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut tal-istat jew reġjonali, mill-inqas ekwivalenti għal-livell ***2*** tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni; operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri;	(n) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb wara mill-inqas perjodu ta' studju ta' ***erba'*** xhur ***li jitwettqu fit-territorju ta' Stat Membru*** fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut tal-istat jew reġjonali, mill-inqas ekwivalenti għal-livell ***1*** tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni; operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 835
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin

Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb wara ***mill-inqas*** perjodu ta' studju ***ta' tliet xhur*** fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut tal-istat jew reġjonali, ***mill-inqas ekwivalenti għal-livell 2 tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni;*** operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri;	(n) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb wara perjodu ta' studju fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut tal-istat jew reġjonali, operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 836
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) "stabbiliment tal-edukazzjoni" tfisser kwalunkwe tip ta' edukazzjoni pubblika jew privata jew stabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali stabbilit fi Stat Membru u rikonoxxut minn dak l-Istat Membru jew ikkunsidrat bħala tali skont il-liġi nazzjonali jew li l-korsijiet ta' studju jew taħriġ tiegħu huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali jew amministrattiva prattika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 837
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) "stabbiliment tal-edukazzjoni" tfisser kwalunkwe tip ta' edukazzjoni pubblika jew privata jew stabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali stabbilit fi Stat Membru u rikonoxxut minn dak l-Istat Membru jew ikkunsidrat bħala tali skont il-liġi nazzjonali jew li l-korsijiet ta' studju jew taħriġ tiegħu huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali jew amministrattiva prattika;	(o) "stabbiliment tal-edukazzjoni" tfisser kwalunkwe tip ta' edukazzjoni pubblika jew privata jew stabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali stabbilit fi Stat Membru u rikonoxxut minn dak l-Istat Membru jew ikkunsidrat bħala tali skont il-liġi nazzjonali jew li l-korsijiet ta' studju jew taħriġ tiegħu huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali jew amministrattiva prattika***, irrispettivament minn x'jista jissejjaħ tali stabbiliment, jew kwalunkwe istituzzjoni li, f'konformità mal-liġi jew mal-prattika nazzjonali, toffri edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali***;

Or. en

Emenda 838
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti***, bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant***;	(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti;

Or. en

Emenda 839
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;	(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti ***jew billi jonqos milli jidher meta jiġi mħarrek mill-awtoritajiet kompetenti,*** għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;

Or. en

Emenda 840
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, ***bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti*** għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;	(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni ***intenzjonata*** li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;

Or. en

Emenda 841
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;	(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal ***billi ripetutament jonqos milli jwieġeb għal talbiet uffiċjali jew*** meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;

Or. en

Emenda 842
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha ***applikant*** ma ***jibqax*** disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal ***meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant***;	(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha ***persuna*** ma ***tibqax*** disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal ***meta tonqos milli tinnotifika l-assenza tagħha minn ċentru ta' akkomodazzjoni partikolari, jew żona jew residenza assenjata***;

Or. en

Emenda 843
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha	(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni ***attiva jew***

applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;	***passiva*** li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;

Or. en

Emenda 844
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, li ***huma bbażati*** fuq kriterji ***objettivi*** ddefiniti mil-liġi nazzjonali, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab;	(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ***bil-provi*** ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, ***wara valutazzjoni individwali*** li ***hija bbażata*** fuq ***lista eżawrjenti ta'*** kriterji ***oġġettivi u speċifiċi*** ddefiniti mil-liġi nazzjonali ***u f'konformità mal-istandards żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali***, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab***, mingħajr l-inklużjoni ta' kriterji ta' natura ġenerali bħal li wieħed sempliċiment ikun applikant skont it-tifsira tar-[Regolament dwar l-APR], jew iċ-ċittadinanza ta' persuna***;

Or. en

Emenda 845
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, ***li huma bbażati*** fuq kriterji ***objettivi ddefiniti mil-liġi*** nazzjonali, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab;	(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ***bil-provi*** ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, ***wara valutazzjoni individwali bbażata*** fuq kriterji ***oġġettivi u speċifiċi f'konformità mal-istandards żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u f'konformità mal-liġi*** nazzjonali***, mingħajr l-inklużjoni ta' kriterji ta' natura ġenerali bħal li wieħed sempliċiment ikun applikant skont it-tifsira tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament dwar il-Proċeduri], jew iċ-ċittadinanza ta' persuna***, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab;

Or. en

Emenda 846
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji objettivi ***ddefiniti mil-liġi nazzjonali***, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab;	(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji oġġettivi ***u komuni, iddefiniti b'mod ċar***, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab***. Tali kriterji għandhom jiġu ddefiniti skont il-proċedura fl-Artikolu 2a***;

Or. en

Emenda 847
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji ***objettivi*** ddefiniti mil-liġi ***nazzjonali, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab***;	(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'każ individwali, li huma bbażati fuq kriterji ***oġġettivi*** ddefiniti ***b'mod ċar*** mil-liġi ***fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-persuni involuti***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-fini tal-koerenza mad-Direttiva dwar ir-Ritorn riformulata.

Emenda 848
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) "Moviment mhux awtorizzat": vjaġġ irregolari mwettaq mill-applikant waqt l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu mill-Istat Membru responsabbli

Or. fr

Emenda 849
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta'	***imħassar***

pressjoni migratorja jew għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 850
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja ***jew għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;***	(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja

Or. fr

Emenda 851
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja ***jew għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament***;	(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja;

Or. en

Emenda 852
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika ***mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja jew għall-iżbarki*** wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ ***kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;***	(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika ***mir-rilokazzjoni inkluż wara l-iżbarki*** wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ

Or. en

Emenda 853
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja ***jew għall-iżbarki*** wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;	(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja***, inkluż wara l-iżbark u*** wara ***attivitajiet u*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 854
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' ***solidarjetà*** f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja jew għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;	(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' ***kooperazzjoni volontarja*** f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja jew għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 855
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika ***mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja jew għall-iżbarki*** wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;	(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika ***mir-rilokazzjoni inkluż wara l-iżbarki*** wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 856
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi jew li huwa obbligat jikkontribwixxi għall-miżuri ta' solidarjetà lejn Stat Membru benefiċjarju stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 857
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi ***jew li huwa obbligat jikkontribwixxi għall-miżuri ta' solidarjetà lejn Stat Membru benefiċjarju stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament***;	(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi;

Or. en

Emenda 858
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi ***jew li huwa obbligat jikkontribwixxi għall-miżuri ta' solidarjetà lejn Stat Membru benefiċjarju stabbiliti fil-Kapitoli I-III*** tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;	(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi ***għall-miżura ta' distribuzzjoni stabbilita fil-Kapitolu I*** tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 859
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi jew li huwa obbligat jikkontribwixxi ***għall-miżuri ta' solidarjetà lejn*** Stat Membru benefiċjarju ***stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;***	(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi***, fuq bażi volontarja permezz tal-klawżola diskrezzjonarja jew permezz ta' wegħdiet addizzjonali,*** jew li huwa obbligat jikkontribwixxi ***għar-rilokazzjoni minn*** Stat Membru benefiċjarju

Or. en

Emenda 860
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi jew li huwa obbligat jikkontribwixxi ***għall-miżuri ta' solidarjetà lejn*** Stat Membru benefiċjarju ***stabbiliti*** fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;	(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi jew li huwa obbligat jikkontribwixxi ***għar-rilokazzjoni minn*** Stat Membru benefiċjarju ***kif stabbilit*** fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 861
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt t

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(t) "Stat Membru ta' sponsorizzazzjoni" tfisser Stat Membru li jimpenja ruħu li jirritorna ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż	***imħassar***

illegalment għall-benefiċċju ta' Stat Membru ieħor, filwaqt li jipprovdi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn imsemmi fl-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 862
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt t

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(t) "Stat Membru ta' sponsorizzazzjoni" tfisser Stat Membru li jimpenja ruħu li jirritorna ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għall-benefiċċju ta' Stat Membru ieħor, filwaqt li jipprovdi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn imsemmi fl-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 863
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt t

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(t) "Stat Membru ta' sponsorizzazzjoni" tfisser Stat Membru li jimpenja ruħu li jirritorna ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għall-benefiċċju ta' Stat Membru ieħor, filwaqt li jipprovdi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn imsemmi fl-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament;	***imħassar***

Or. en

Emenda 864
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ta (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ta) "trasferiment" tfisser l-azzjoni u l-arranġamenti prattiċi biex titlesta deċiżjoni li tittieħed ir-responsabbiltà jew li jittieħed lura mill-Istat Membru fejn applikant ikun preżenti lill-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 865
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti***;	(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***lejn ċentri ta' akkoljenza li jinsabu f'pajjiżi terzi sħab, meta l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali tkun se tiġi vvalutata u meta tkun se titwettaq f'konformità ma' ftehimiet bejn Stati Membri u pajjiżi terzi sħab***;

Or. en

Emenda 866
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;	(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;

Or. en

Emenda 867
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(u) "***rilokazzjoni***" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju*** lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;	(u) "***distribuzzjoni***" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat***, miċ-ċentri tal-ipproċessar li jinsabu f'pajjiżi terzi sħab, fejn ikunu ngħataw id-dritt għall-protezzjoni internazzjonali,*** lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;

Or. en

Emenda 868
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ***ċittadin ta' pajjiż terz jew*** persuna ***mingħajr Stat*** mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta'	(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' persuna ***li diġà kienet ingħatat il-protezzjoni internazzjonali*** mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-

Stat Membru kontribwenti;	territorju ta' Stat Membru kontribwenti ***bil-kunsens espliċitu tal-Istat Membru kontribwenti***;

Or. en

Emenda 869
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt u

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;	(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat***, jew ta' benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali,*** mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;

Or. en

Emenda 870
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ua (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ua) il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE huwa l-persuna maħtura mill-Kummissjoni u ddefinita fl-Artikolu 13a ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 2(f) tar-Regolament dwar il-Kriżijiet

Or. en

Emenda 871
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 872
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979;	***imħassar***

Or. en

Emenda 873
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni	***imħassar***

Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979;

Or. en

Emenda 874
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979;	(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' ***attivitajiet ta'*** tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979***, u operazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 656/2014[1a]***;
	[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 656/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 875
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ ***kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979***;	(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ ***imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 876
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;	***imħassar***

Or. en

Emenda 877
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta'	***imħassar***

wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;

Or. en

Emenda 878
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;	***imħassar***

Or. en

Emenda 879
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni ***fejn hemm għadd kbir ta' wasliet*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet***, inkluż ***fejn dan jirriżulta minn wasliet wara*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;***	(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni ***li fiha l-wasliet*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż ***bħala riżultat ta'*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***ipoġġu piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 880
Lukas Mandl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni ***fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi*** li ***jiġġeneraw*** movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;	(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni li ***tiġġenera*** movimenti migratorji li jitfgħu piż ***sproporzjonat fuq l-Istati Membri,*** anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni ta' pressjoni migratorja ma għandhiex tiddependi mit-twettiq ta' obbligi legali jew postijiet ġeografiċi, iżda pjuttost mis-sitwazzjoni reali fil-prattika.

Emenda 881
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd ***kbir*** ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;	(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm ***ċertu*** għadd ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata***, u li twassal biex l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx jista' jwettaq l-obbligi legali tiegħu skont is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil***;

Or. en

Emenda 882
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn ***hemm għadd kbir*** ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet***, inkluż ***fejn dan jirriżulta minn wasliet wara*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***bħala riżultat tal-pożizzjoni***	(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn ***Stat Membru wieħed jew aktar jiffaċjaw livell kostanti*** ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż ***minħabba l-iżbark fil-kuntest ta'*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***li jimmina l-funzjonament effiċjenti tal-proċeduri***

ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;	***previsti fl-Artikoli 14 u 45 ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 883
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni ***migratorja***" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat***, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ***, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu ***piż*** anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni ***immedjata***;	(w) "***riskju ta'*** pressjoni ***fuq is-sistema tal-ażil jew tal-akkoljenza***" tfisser sitwazzjoni fejn ***il-kapaċità tas-sistema tal-ażil jew tal-akkoljenza ta' Stat Membru qed toqrob il-limiti tagħha, inkluż fejn*** hemm ***probabbiltà ta'*** għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu ***responsabbiltà sproporzjonata*** anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni ***fil-pront***;

Or. en

Emenda 884
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn ***hemm għadd kbir ta' wasliet*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew***	(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn ***il-wasla*** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż ***bħala riżultat ta'***

persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż ***fejn dan jirriżulta minn wasliet wara*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu*** piż anke fuq sistemi tal-ażil u ***l-akkoljenza*** ppreparati sew ***u jeħtieġu azzjoni immedjata***;	operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***titfa'*** piż ***sproporzjonat*** anke fuq sistemi tal-ażil u ***l-migrazzjoni*** ppreparati sew***, li jista' jwassal biex l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi legali tiegħu, b'mod partikolari dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) xxx/xxx [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], fir-Regolament (UE) xxx/xxx [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil], u fid-Direttiva xxx/xxx [id-Direttiva dwar ir-Ritorn]***;

Or. en

Emenda 885
Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn ***hemm għadd kbir*** ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet***, inkluż ***fejn dan jirriżulta minn wasliet wara*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta'*** Stat Membru ***u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata***;	(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn ***Stat Membru wieħed jew aktar jiffaċċjaw livell kostanti u individwali*** ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż ***minħabba l-iżbark fil-kuntest ta'*** operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, ***li jimmina l-funzjonament effiċjenti tal-proċeduri previsti fl-Artikoli 14 u 45 ta' dan ir-Regolament għal*** Stat Membru ***individwali***;

Or. en

Emenda 886
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż ***anke*** fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ***ppreparati sew*** u jeħtieġu azzjoni immedjata;	(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż ***fil-livell nazzjonali jew lokali*** fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza u jeħtieġu azzjoni immedjata;

Or. en

Emenda 887
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt wa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "riskju ta' pressjoni migratorja" tfisser ir-riskju ta' piż sproporzjonat anke fuq sistema tal-ażil u tal-migrazzjoni ppreparata sew fi Stat Membru, wara l-antiċipazzjoni ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, li jirriskjaw li jpoġġu lill-Istat Membru taħt pressjoni migratorja;

Or. en

Emenda 888
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt wa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "theddida enormi ta' migrazzjoni irregolari" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' migranti irregolari, jew riskju li jitfaċċaw tali individwi, fi Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw flussi ta' migrazzjoni irregolari tal-massa;

Or. en

Emenda 889
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt x

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(x) "persuna risistemata jew ammessa" tfisser persuna li ġiet aċċettata minn Stat Membru ***għall-ammissjoni skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni] jew taħt skema nazzjonali ta' risistemazzjoni barra l-qafas ta' dak ir-Regolament***;	(x) "persuna risistemata jew ammessa" tfisser persuna li ġiet aċċettata minn Stat Membru ***jew pajjiż terz sieħeb għall-ipproċessar ta' talbiet għall-ħtieġa ta' protezzjoni internazzjonali***;

Or. en

Emenda 890
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt y

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(y) "Aġenzija tal-Asil" tfisser l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil kif stabbilita mir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Asil];	***imħassar***

Or. en

Emenda 891
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ya (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ya) "kundizzjonijiet ta' akkoljenza" tfisser il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, kif definiti fl-Artikolu 2(6) tad-Direttiva (UE) XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza];

Or. en

Emenda 892
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt z

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(z) "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li l-permanenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija ***illegali*** u li jimponi jew jiddikjara obbligu ta' ritorn ***li jirrispetta d-Direttiva*** 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54];	(z) "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li l-permanenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija ***irregolari*** u li jimponi jew jiddikjara obbligu ta' ritorn ***skont id-Direttiva*** 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54];
[54] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348,	[54] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348,

24.12.2008, p. 98. 24.12.2008, p. 98.

Or. en

Emenda 893
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul, permanenza jew residenza fi Stat Membru.	(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul, permanenza jew residenza fi Stat Membru***, u li jrid jiġi rritornat lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 894
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***illegalment***" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul,	(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***irregolarment***" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul,

permanenza jew residenza fi Stat Membru.	permanenza jew residenza fi Stat Membru.

Or. en

Emenda 895
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***illegalment***" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul, permanenza jew residenza fi Stat Membru.	(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż ***irregolarment***" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul, permanenza jew residenza fi Stat Membru.

Or. en

Emenda 896
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aaa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aaa) "ċentru tal-ipproċessar tal-ażil" tfisser faċilità li tinsab f'pajjiż terz fejn il-persunal tal-UE jirreġistra u jipproċessa applikazzjonijiet għall-ażil ippreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali.

Or. en

Emenda 897
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik

Azmani, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Il-proċedura għad-definizzjoni ta' kriterji komuni tar-riskju ta' ħarba għal deċiżjoni ta' trasferiment
	1. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-kriterji Ewropej komuni għad-determinazzjoni tar-"riskju ta' ħarba" għal deċiżjoni ta' trasferiment, kif imsemmi fl-Artikolu 2(q), permezz ta' att delegat sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Tali kriterji ma għandhomx jinkludu kriterji ta' natura ġenerali bħal li wieħed sempliċiment ikun applikant jew iċ-ċittadinanza ta' persuna.
	Bħala miżura tranżitorja, l-Istati Membri għandhom ikomplu jużaw il-kriterji previsti fid-dritt nazzjonali tagħhom.
	2. B'applikazzjoni tal-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u mal-Aġenzija tal-Ażil.

Or. en

Emenda 898
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Parti II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II ***QAFAS*** KOMUNI ***GĦALL-ĠESTJONI TAL-AŻIL U L-MIGRAZZJONI***	II ***POLITIKI*** KOMUNI ***DWAR L-AŻIL***

Or. en

Emenda 899
Damien Carême

Proposta għal regolament
Parti II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II QAFAS KOMUNI ***GĦALL-ĠESTJONI TAL-AŻIL U L-MIGRAZZJONI***	II QAFAS KOMUNI ***GĦALL-AŻIL***

Or. en

Emenda 900
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Parti II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II QAFAS KOMUNI ***GĦALL-ĠESTJONI TAL-AŻIL*** U L-MIGRAZZJONI	II QAFAS KOMUNI ***GĦALL-AŻIL*** U L-MIGRAZZJONI

Or. en

Emenda 901
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni	Approċċ komprensiv ***u tfassil integrat ta' politiki*** għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni

Or. en

Emenda 902
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Approċċ komprensiv ***għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni***	Approċċ komprensiv ***għall-ażil***

Or. en

Emenda 903
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Approċċ komprensiv ***għall-ġestjoni tal-ażil*** u l-migrazzjoni	Approċċ komprensiv ***għall-ażil*** u l-migrazzjoni

Or. en

Emenda 904
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil ***u l-migrazzjoni***	***Azzjonijiet komuni fil-qasam*** tal-ażil

Or. en

Emenda 905
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv***.*** ***Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot*** migratorji kollha ***li jaffettwaw il-ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni ***u*** għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:	***1.*** L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv ***kif ukoll ta' prinċipju ta' tfassil integrat ta' politiki, sabiex jindirizzaw ir-rotot*** migratorji kollha ***taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi u biex jiżguraw il-koerenza tal-ġestjoni tal-politiki*** tal-ażil u l-migrazzjoni***, inkluż kemm il-komponent intern kif ukoll dak estern.*** ***2. Dan l-approċċ*** għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 906
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam ***tal-ġestjoni*** tal-ażil ***u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti*** li ġejjin:	L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet ***komuni*** fil-qasam tal-ażil***, filwaqt li jindirizzaw b'mod partikolari dawn*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 907

Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:	L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ***tal-konformità mal-impenji eżistenti tagħhom skont id-dritt tal-UE u dak internazzjonali u,*** ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 908
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:	L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni***, filwaqt li jqis kif xieraq il-karatteristiċi uniċi tagħhom,*** u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

Or. es

Emenda 909
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam ***tal-ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw ***il-ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:	L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv ***u b'rispett sħiħ għall-kompetenzi nazzjonali***. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw ***il-flussi*** tal-ażil u l-migrazzjoni ***lejn l-Unjoni Ewropea,*** u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 910
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam ***tal-ġestjoni*** tal-ażil ***u l-migrazzjoni*** abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw ***il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni*** u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:	L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ażil abbażi ***tal-konformità mal-impenji eżistenti skont id-dritt tal-UE u dak internazzjonali u*** ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw ***l-ażil*** u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 911
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom	L-Istati Membri ***u l-Unjoni*** għandhom

jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:	jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv ***u volontarju***. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 912
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil ***u l-migrazzjoni u*** għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:	***Kull Stat Membru jenħtieġ li jieħu azzjoni deċiżiva biex jiġġieled il-migrazzjoni irregolari u biex jiżgura r-ritorn sikur tal-migranti irregolari kollha, kif ukoll biex jappoġġja d-difiża tas-santità tal-istituzzjoni*** tal-ażil ***billi jiżgura li tintemm il-frodi fil-qasam tal-ażil. L-appoġġ ipprovdut*** għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 913
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) shubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż dwar perkorsi legali għal	***imħassar***

ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni

Or. en

Emenda 914
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni	***imħassar***

Or. en

Emenda 915
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż ***dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda*** kontra l-migrazzjoni irregolari u ***l-kuntrabandu*** tal-migranti, u ***t-tisħiħ tal-kooperazzjoni*** dwar ir-riammissjoni;	(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż ***fil-qasam tal-ġlieda*** kontra l-migrazzjoni irregolari u ***l-kawżi ewlenin tagħha, kontra t-traffikar*** tal-migranti, u dwar ir-riammissjoni;

Or. fr

Emenda 916
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib*** ma' pajjiżi terzi rilevanti, ***inkluż dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari,*** appoġġ ***lill-imsieħba*** li jospitaw	(a) ***l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari*** ma' pajjiżi terzi rilevanti, appoġġ ***lill-pajjiżi*** li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni ***illegali*** u ***t-traffikar u*** l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-

għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni ***irregolari*** u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni

kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni***, inkluż billi l-għajnuna għall-iżvilupp għal pajjiżi terzi ssir kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' ftehimiet dwar ir-riammissjoni***[1a]***; il-Kummissjoni għandha, f'dan ir-rigward, tiżgura li, fin-negozjati kollha tagħha mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi, hija tappoġġja l-inizjattivi u l-politiki kollha tal-Istati Membri li għandhom l-għan li jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali, li jirritornaw il-migranti illegali, li jiġġieldu l-użu tal-migranti illegali bħala armi, u li jipprevjenu l-frodi fil-qasam tal-asil;***

[1a] B'mod partikolari f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-iżvilupp u tal-effiċjenza tal-għajnuna.

Or. en

Emenda 917
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u*** kooperazzjoni ***mill-qrib*** ma' pajjiżi terzi rilevanti, ***inkluż*** dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***l-migrazzjoni irregolari u*** l-kuntrabandu ***tal-migranti***, u t-tisħiħ tal-	(a) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti, ***b'mod partikolari*** dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu ***u t-traffikar tal-bnedmin***, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni**,**

kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni	***b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE, kif ukoll tal-Patt Globali dwar ir-Refuġjati u tal-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari;***

Or. en

Emenda 918
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, ***inkluż dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri*** li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni ***irregolari***, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni ***irregolari*** u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni	(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni ***illegali***, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni ***illegali*** u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni

Or. en

Emenda 919
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u*** kooperazzjoni ***mill-qrib*** ma' pajjiżi terzi	(a) kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti, ***b'mod partikolari dwar ir-***

rilevanti, ***inkluż dwar*** perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw ***il-kawżi ewlenin*** tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini ***tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni,*** il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***l-migrazzjoni irregolari u*** l-kuntrabandu ***tal-migranti***, u ***t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni***

risistemazzjoni u perkorsi legali ***oħra*** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw ***l-ixprunaturi*** tal-migrazzjoni irregolari ***u l-ispostament furzat***, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini ***tal-kapaċità ta' akkoljenza tagħhom, u*** l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kuntrabandu, u ***t-traffikar tal-bnedmin, b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali u l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-TUE, kif ukoll il-Patt Globali dwar ir-Refuġjati u l-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordnata u Regolari;***

Or. en

Emenda 920
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż ***dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta'*** protezzjoni internazzjonali u ***għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri*** li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni ***irregolari***, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni ***u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni***, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni ***irregolari u l-kuntrabandu*** tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ***ir-riammissjoni***	(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż ***it-twaqqif ta' ċentri ta' akkoljenza f'pajjiżi terzi biex jipproċessaw it-talbiet għall-asil u jospitaw lil dawk mogħtija*** protezzjoni internazzjonali u li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni ***illegali***, appoġġ lill-imsieħba ***mhux aggressivi*** li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni ***illegali, il-kuntrabandu*** tal-migranti, ***it-traffikar tal-bnedmin*** u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ***ir-ritorni;***

Or. en

Emenda 921
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni	a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet ***operazzjonali*** tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni

Or. es

Emenda 922
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sħubiji ***ta' benefiċċju reċiproku*** u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, ***inkluż dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri*** li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari**,** appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir	(a) Sħubiji u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari ***u jagħmlu l-fondi għall-għajnuna u l-iżvilupp kundizzjonali fuq impenji ċari biex jiġu mrażżna l-flussi migratorji irregolari kif ukoll*** appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-

ta' migranti u refuġjati ***li jeħtieġu protezzjoni*** u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, ***u t-tisħiħ*** tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni

ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, ***it-tisħiħ*** tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni ***u l-prevenzjoni tat-tluq u tal-qsim illegali tal-fruntieri;***

Or. en

Emenda 923
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż dwar perkorsi legali għal ***ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn*** ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni	(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż dwar perkorsi legali għal ***benefiċjarji*** ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni***;***

Or. en

Emenda 924
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kooperazzjoni mill-qrib ***u sħubija reċiproka bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni,*** l-Istati Membri ***u l-organizzazzjonijiet*** internazzjonali;	(b) kooperazzjoni mill-qrib ***bejn*** l-Istati Membri***, u jekk jintalbu jagħmlu dan, megħjuna fejn meħtieġ mill-Kummissjoni; il-Kummissjoni għandha tiżgura li tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri fil-fora*** internazzjonali ***kollha, bħal, iżda mhux limitati għal, fin-Nazzjonijiet Uniti u fl-OSKE***;

Or. en

Emenda 925
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kooperazzjoni mill-qrib u sħubija reċiproka bejn ***l-istituzzjonijiet*** u l-korpi tal-Unjoni, ***l-Istati Membri*** u ***l-organizzazzjonijiet*** internazzjonali;	(b) kooperazzjoni ***volontarja*** mill-qrib u sħubija reċiproka bejn ***l-Istati Membri, assistiti u appoġġjati mill-istituzzjonijiet*** u l-korpi tal-Unjoni, u ***organizzazzjonijiet*** internazzjonali ***oħra***;

Or. en

Emenda 926
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kooperazzjoni mill-qrib u sħubija reċiproka bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;	(b) kooperazzjoni mill-qrib u sħubija reċiproka bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali ***b'rispett sħiħ għall-kompetenzi nazzjonali***;

Or. en

Emenda 927
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) implimentazzjoni sħiħa tal-politika komuni dwar il-viżi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 928
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) implimentazzjoni sħiħa tal-politika komuni dwar il-viżi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 929
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) implimentazzjoni sħiħa tal-politika komuni dwar il-viżi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 930
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) implimentazzjoni sħiħa tal-politika komuni dwar il-viżi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 931
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Aġenziji tal-Unjoni, għandhom jiżguraw li għandhom il-kapaċità li jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki ***tal-ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni, filwaqt li jitqies l-approċċ komprensiv imsemmi fl-Artikolu 3, inkluż ir-riżorsi umani u finanzjarji u l-infrastruttura meħtieġa.	3. L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Aġenziji tal-Unjoni, għandhom jiżguraw li għandhom il-kapaċità li jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki tal-ażil u l-migrazzjoni, filwaqt li jitqies l-approċċ komprensiv imsemmi fl-Artikolu 3, inkluż ir-riżorsi umani u finanzjarji u l-infrastruttura meħtieġa.

Or. en

Emenda 1019
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5 Il-prinċipju ***tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà***	5 Il-prinċipju ***tal-kooperazzjoni leali***

Or. en

Emenda 1020
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prinċipju tas-solidarjetà ***u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà***	Il-prinċipju tas-solidarjetà ***volontarja***

Or. en

Emenda 1021
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-prinċipju ***tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà***	Il-prinċipju ***tal-kooperazzjoni volontarja***

Or. en

Emenda 1022
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri ***għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u*** għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom:	1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 1023
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom:	1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà***, kif stabbilit fl-Artikolu 80 tat-TFUE,*** u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 1024
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom ***josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv*** tal-politiki ***tal-Unjoni*** dwar l-ażil u ***l-ġestjoni*** tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom:	1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi ***volontarji*** tagħhom, l-Istati Membri għandhom ***jassistu lil xulxin b'mezzi volontarji fit-twettiq tal-kompiti li jinkludu xi aspetti*** tal-politiki dwar l-ażil u ***l-mitigazzjoni*** tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 1025
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. ***L-Istati Membri għandhom:***	1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà ***msemmi fl-Artikolu 80 tat-TFUE*** u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Or. en

Emenda 1026
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil ***u l-ġestjoni tal-migrazzjoni***. L-Istati Membri għandhom:	1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil. L-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 1027
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi	1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi

tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-asil ***u l-ġestjoni tal-migrazzjoni***. L-Istati Membri għandhom:	tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-asil. L-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 1028
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-asil u ***l-ġestjoni tal-migrazzjoni***. L-Istati Membri għandhom:	1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-asil u ***l-migrazzjoni***. L-Istati Membri għandhom:

Or. en

Emenda 1029
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxiet għall-Artikolu 5a.

Emenda 1030
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment; ***jiżguraw li f'kull ċirkostanza jiġu allokati biżżejjed finanzjament u persunal kwalifikat u mħarreġ tajjeb; jitolbu appoġġ mill-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni għal dak il-għan.***

Or. en

Emenda 1031
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, ***jagħtu tali protezzjoni lil*** dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, ***jew fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi sħab, jiffaċilitaw il-protezzjoni f'ċentri ta' akkoljenza f'pajjiżi terzi għal*** dawk li ***ġenwinament*** huma fil-bżonn ***ta' protezzjoni internazzjonali*** u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż

illegalment;

Or. en

Emenda 1032
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***illegalment***;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali ***kif ukoll għal proċeduri ta' protezzjoni nazzjonali jekk dawn jagħtu protezzjoni aħjar***, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***irregolarment***;

Or. en

Emenda 1033
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ***ta' ġestjoni*** tal-ażil ***u l-migrazzjoni*** li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u ***jiżguraw ir-ritorn ta'*** dawk ***li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali tal-ażil li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u ***jipprovdu u jinvestu f'akkoljenza adegwata, inklużi miżuri biex jipproteġu lil*** dawk ***bi bżonnijiet ta' akkoljenza speċjali***;

Or. en

Emenda 1034
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ***ta'*** dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***illegalment***;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali ***u nazzjonali***, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ***dinjituż għal*** dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***irregolarment***;

Or. en

Emenda 1035
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma ***ġenwinament*** fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ***rapidu*** ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

Or. en

Emenda 1036
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali ***u nazzjonali***, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

Or. en

Emenda 1037
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ***effettiv*** ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

Or. fr

Emenda 1038
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi

nazzjonali ta' ġestjoni tal-aż il u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ***ta' protezzjoni internazzjonali***, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	nazzjonali ta' ġestjoni tal-aż il u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ***tal-aż il***, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ***effettiv u immedjat*** ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

Or. en

Emenda 1039
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ***ta' ġestjoni*** tal-aż il u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali tal-aż il u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ***rapidu*** ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

Or. en

Emenda 1040
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ***ta' ġestjoni*** tal-aż il ***u l-migrazzjoni*** li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, ***jagħtu tali*** protezzjoni ***lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***;	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali tal-aż il li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, ***u proċeduri oħra ta'*** protezzjoni ***nazzjonali li joffru d-dritt li wieħed jibqa' għal raġunijiet ta' kumpassjoni, umanitarji jew oħrajn***;

Or. en

Emenda 1041
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxiet għall-Artikolu 5a.

Emenda 1042
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1043
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1044
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati***, f'konformità sħiħa mal-obbligu legali li jipprovdu aċċess għall-proċeduri tal-asil,*** biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri***, b'enfasi partikolaru fuq il-ħolqien ta' perkorsi sikuri u legali***, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti ***u t-traffikar tal-bnedmin, filwaqt li jipproteġu d-drittijiet tal-persuni bi dħul klandestin u ttraffikati***;

Or. en

Emenda 1045
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni ***irregolari*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni ***illegali*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti ***billi jagħmlu l-għajnuna għall-iżvilupp kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' ftehimiet ta' riammissjoni***, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti***, b'mod partikolari mill-NGOs li joperaw taħt "tiftix u salvataġġ"***;

Or. en

Emenda 1046
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ***u proporzjonati*** biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti; ***tali miżuri jistgħu jinkludu d-dritt kriminali u/jew sanzjonijiet amministrattivi fil-konfront ta' entitajiet privati li jagħixxu bħala faċilitaturi għall-migrazzjoni illegali;***

Or. en

Emenda 1047
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier

Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ***u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri,*** f'kooperazzjoni ***mill-qrib u fi sħubija*** ma' pajjiżi terzi rilevanti***, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti***;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ***biex jiżguraw aċċess ġenwin u effettiv għal mezzi ta' dħul legali*** f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti;

Or. en

Emenda 1048
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti ***u t-traffikar tal-bnedmin***;

Or. en

Emenda 1049
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex ***inaqqsu u*** jipprevjenu l-migrazzjoni ***irregolari*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex jipprevjenu ***u jiskoraġġixxu*** l-migrazzjoni ***illegali*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti ***u t-traffikar tal-bnedmin***;

Or. en

Emenda 1050
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra ***l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u*** t-traffikar tal-migranti;

Or. en

Emenda 1051
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ***u proporzjonati*** biex ***inaqqsu u*** jipprevjenu l-migrazzjoni ***irregolari*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu l-migrazzjoni ***illegali*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-

fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti ***u t-traffikar tal-bnedmin***;

Or. en

Emenda 1052
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex ***inaqqsu u*** jipprevjenu l-migrazzjoni ***irregolari*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex jipprevjenu l-migrazzjoni ***illegali*** lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;

Or. en

Emenda 1053
Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jinformaw lill-Kummissjoni Ewropea immedjatament b'ittra formali meta l-Istat Membru jidentifika nuqqasijiet serji fil-kapaċità tiegħu li jiżgura sistema nazzjonali ta' ġestjoni tal-asil u tal-migrazzjoni ta' standard xieraq minħabba pressjoni migratorja wara influss ta' wasliet fi Stat Membru individwali f'perjodu ta' żmien qasir

Or. en

Emenda 1054
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ineħħu kwalunkwe fattur ta' attrazzjoni li jattira aktar migrazzjoni illegali lejn l-Unjoni jew li joħloq pressjoni migratorja fuq il-fruntieri esterni ta' Stati Membri oħra billi jadattaw id-dritt domestiku tagħhom kif xieraq;

Or. en

Emenda 1055
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jipprovdu u jinvesti f'akkoljenza adegwata, inklużi miżuri biex jipproteġu lil dawk bi bżonnijiet speċjali, bħat-tfal.

Or. en

Emenda 1056
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ba) jipprovdu u jinvestu f'kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati, inklużi miżuri biex jipproteġu lil dawk bi bżonnijiet speċjali;

Or. en

Emenda 1057
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jipprovdu u jinvestu f'akkoljenza adegwata, inklużi miżuri biex jipproteġu lil dawk bi bżonnijiet speċjali.

Or. en

Emenda 1058
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxiet għall-Artikolu 5a.

Emenda 1059
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1060
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III;	(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***lil persuna li waslet illegalment fit-territorju tal-Unjoni Ewropea*** u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III;

Or. en

Emenda 1061
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs

Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III;	(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III***, u l-Kapitoli I tal-Parti IV***;

Or. en

Emenda 1062
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxiet għall-Artikolu 5a.

Emenda 1063
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV;	(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà ***flessibbli mfassla apposta għall-kapaċitajiet individwali tal-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tagħhom u*** abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV;

Or. en

Emenda 1064
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punta d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti ***fil-Kapitoli I-III tal-Parti*** IV;	d) jipprovdu appoġġ ***effettiv*** lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti ***fil-Parti*** IV; ***u, fejn xieraq, dawk li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Istati Membri, li jiżguraw solidarjetà flessibbli.***

Or. es

Emenda 1065
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV***;	(d) ***jikkooperaw fir-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali lejn ċentri ta' akkoljenza f'pajjiżi terzi kif ukoll fir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***;

Or. en

Emenda 1066
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ***ta' solidarjetà*** abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV;	(d) jipprovdu appoġġ ***volontarju*** lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ***finanzjarji jew oħrajn*** abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV;

Or. en

Emenda 1067
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra ***fil-forma*** ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà ***abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV***;	(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra ***permezz*** ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà ***fil-forma tar-rilokazzjoni***;

Or. en

Emenda 1068
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' ***kontribuzzjonijiet ta'***	(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' ***rilokazzjoni*** abbażi ***tal-***

solidarjetà abbażi ***tal-ħtiġijiet*** stabbiliti ***fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV***;

kriterji stabbiliti ***fil-Kapitolu II***;

Or. en

Emenda 1069
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxiet għall-Artikolu 5a.

Emenda 1070
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1071
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier

Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1072
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex ***jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri***.	(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex ***itejbu u jinvestu fl-integrazzjoni adegwata tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 1073
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.	(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati ***u sekondarji*** bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1074
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jieħdu l-miżuri ***raġonevoli u proporzjonati*** kollha biex ***jipprevjenu u jikkoreġu movimenti*** mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.	(e) jieħdu l-miżuri ***utli*** kollha biex ***iwaqqfu l-movimenti*** mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.

Or. fr

Emenda 1075
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jieħdu l-miżuri ***raġonevoli u proporzjonati*** kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.	(e) jieħdu l-miżuri ***meħtieġa*** kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1076
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jiżguraw li kull applikant għall-protezzjoni internazzjonali għandu jkollu l-applikazzjoni tiegħu awtomatikament miċħuda jekk ma jkunx wasal fl-Unjoni Ewropea direttament minn pajjiż fejn ħajtu jew il-libertà tiegħu kienet mhedda

jew jekk meta kien ġej minn dak il-pajjiż, waqaf f'pajjiż ieħor barra mill-Unjoni Ewropea u jista' juri li ma setax ikun raġonevolment mistenni li jfittex protezzjoni skont il-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati f'dak il-pajjiż.

Or. en

Emenda 1077
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri].	2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni***, inkluż appoġġ operazzjonali lill-aġenziji tagħha,*** għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ***ir-Regolament (UE) XXX/XXX (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil), ir-Regolament (UE) 2019/1896 (l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta),*** ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri].

Or. es

Emenda 1078
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-	2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-

Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] ***u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri]***.	Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil].

Or. en

Emenda 1079
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] ***u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri]***.	2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil].

Or. en

Emenda 1080
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) ***XXX/XXX*** [Il-Fond ***għall-Migrazzjoni u l-Ażil***] u r-Regolament (UE) ***XXX/XXX*** [Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri].	2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) ***2021/1147*** [Il-Fond ***għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni***] u r-Regolament (UE) ***2021/1148*** [Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri].

Or. en

Emenda 1081
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Dmirijiet tal-Istati Membri u l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni
	L-Unjoni u l-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.
	L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Aġenziji tal-Unjoni, għandhom jiżguraw li għandhom il-kapaċità li jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, filwaqt li jitqies l-approċċ komprensiv imsemmi fl-Artikolu 3, inkluż ir-riżorsi umani u finanzjarji u l-infrastruttura meħtieġa.
	B'mod partikulari, l-Istati Membri għandhom:
	(a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;
	(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin;
	(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-

regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III;

(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV;

(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1082
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Flessibbiltà fir-rigward tal-Istati Membri li għandhom fis-seħħ ftehimiet biex jirrilokaw l-ipproċessar ta' talbiet għal u l-faċilitazzjoni tal-protezzjoni internazzjonali lejn pajjiż terz sieħeb
	1. Ċittadin ta' pajjiż terz li jiddikjara l-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, u li mhuwiex irreġistrat bħala applikant għall-ażil, għandu jiġi trasferit lejn ċentru ta' akkoljenza f'pajjiż terz għall-ipproċessar tat-talba tiegħu għall-ażil u l-protezzjoni kontinwa possibbli f'konformità mal-ftehim jew il-prassi stabbiliti minn Stat Membru u pajjiż terz sieħeb ospitanti.
	2. Il-Kunsill għandu japprova b'unanimità regolamenti dettaljati li jkopru kwalunkwe eżenzjoni ta' ċittadini

	ta' pajjiżi terzi minn tali regoli.
	3. L-ispiża tat-trasferiment taċ-ċittadin ta' pajjiż terz lejn il-pajjiż sieħeb għandha tiġġarrab mill-Istat Membru li fih jinsab l-individwu attwalment.

Or. en

Emenda 1083
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6 ***Il-governanza u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni migratorja***	6 ***Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE dwar l-asil u tad-drittijiet fundamentali***

Or. en

Emenda 1084
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-governanza u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ***migratorja***	Il-governanza u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ***tal-asil***

Or. en

Emenda 1085
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1086
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni ***għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni u*** dwar l-implimentazzjoni ***tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti***. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti ***l-Istrateġija*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li kull sena tippreżenta rapport*** dwar l-implimentazzjoni ***tal-acquis tal-UE dwar l-ażil***. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti ***r-rapport*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 1087
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti ***u fil-leġiżlazzjoni primarja tal-UE u d-dritt internazzjonali applikabbli***. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 1088
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' ***Ġestjoni*** tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi ***l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni ***fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti***. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' ***Mitigazzjoni*** tal-Ażil u l-Migrazzjoni ***fit-tul dwar l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni*** li tistabbilixxi ***l-modi kif l-Unjoni tista' tgħin lill-Istati Membri fil-ġestjoni*** tal-żil u l-migrazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***kif ukoll lill-Kunsill Nordiku***.

Or. en

Emenda 1089
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u ***l-migrazzjoni*** fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u ***l-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali*** fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 1090
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ***ta' Ġestjoni*** tal-Ażil ***u l-Migrazzjoni*** li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku ***għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni*** fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ***ta' ġestjoni*** tal-ażil ***u l-migrazzjoni*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea tal-Ażil ***ta' ħames snin*** li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku ***biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ażil*** fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ażil f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti ***u fil-leġiżlazzjoni primarja tal-UE u fid-dritt internazzjonali applikabbli***. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 1091
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni ***li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni u*** dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni ***fit-tul*** dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni ***u li tistabbilixxi l-approċċ għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni*** f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Or. en

Emenda 1092
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Ażil għandha tqis dan li ġej:	***imħassar***
(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;	
(b) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi"; ir-rapporti maħruġa taħt dak il-qafas kif ukoll l-attivitajiet tan-Network dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet;	
(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni;	

(d) informazzjoni miġbura matul l-evalwazzjonijiet li saru fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013[55].

_____

[55] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

Or. en

Emenda 1093
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u*** l-Ażil ***għandha tqis*** dan li ġej:	2. ***Ir-rapport Ewropew dwar*** l-Ażil ***għandu jqis*** dan li ġej:

Or. en

Emenda 1094
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istrateġija Ewropea ***għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Ażil*** għandha	2. L-Istrateġija Ewropea ***għall-Ażil*** għandha tqis dan li ġej:

tqis dan li ġej:

Or. en

Emenda 1095
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1096
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;	(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***u kull sforz approvat mill-parlamenti nazzjonali biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet migratorji bħal viżjoni żero jew ta' tnaqqis nett għall-migrazzjoni***;

Or. en

Emenda 1097
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;	(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, u l-konformità tagħhom mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali***;

Or. en

Emenda 1098
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;	(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ***u l-konformità tagħhom mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali***;

Or. en

Emenda 1099
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-istrateġiji*** nazzjonali tal-Istati Membri ***msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***;	(a) ***il-leġiżlazzjonijiet*** nazzjonali tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 1100
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi"; ir-rapporti maħruġa taħt dak il-qafas kif ukoll l-attivitajiet tan-Network dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1101
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi"; ir-rapporti maħruġa taħt dak il-qafas kif ukoll l-attivitajiet tan-Network dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet;	(b) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi"; ir-rapporti maħruġa taħt dak il-qafas kif ukoll l-attivitajiet tan-Network dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet; ***informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija tal-Ażil tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-acquis dwar l-ażil;***

Or. en

Emenda 1102
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi"; ir-rapporti maħruġa taħt dak il-qafas kif ukoll l-attivitajiet tan-Network dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet;	(b) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi"; ir-rapporti maħruġa taħt dak il-qafas kif ukoll l-attivitajiet tan-Network dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet ***u informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija tal-Ażil tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-acquis dwar l-asil***;

Or. en

Emenda 1103
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni;	(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni ***u aġenziji internazzjonali oħra***; ***f'dan ir-rigward l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jwaqqfu osservatorju tal-migrazzjoni bħala funzjoni permanenti fi ħdan l-OSKE sabiex ikun hemm fehim aħjar tal-flussi illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' tħejjijiet għal gwerra ibrida li jużaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bħala armi permezz tal-frodi fil-qasam tal-asil u metodi oħra b'rabta mal-migrazzjoni illegali.***

Or. en

Emenda 1104
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti ***mill-aġenziji*** tal-Unjoni;	(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti ***mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija*** tal-Unjoni ***Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali***;

Or. en

Emenda 1105
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni;	(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji ***tal-Istati Membri jew*** tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 1106
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti	(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni***, inkluża l-***

mill-aġenziji tal-Unjoni;	***Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali***;

Or. en

Emenda 1107
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni;	(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni ***u s-Servizz għall-Azzjoni Esterna***;

Or. en

Emenda 1108
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) informazzjoni miġbura matul l-evalwazzjonijiet li saru fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013[55].	***imħassar***

[55] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L

295, 6.11.2013, p. 27.

Or. en

Emenda 1109
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) informazzjoni miġbura matul l-evalwazzjonijiet li saru fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013[55]**.**	(d) informazzjoni miġbura matul l-evalwazzjonijiet li saru fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013[55]***;***
[55] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.	[55] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

Or. en

Emenda 1110
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***informazzjoni miġbura matul l-evalwazzjonijiet li saru fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE)***	(d) ***rapporti u analiżijiet rilevanti prodotti mill-UNHCR, il-Kunsill tal-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra kif ukoll rapporti***

Nru 1053/2013[55]. ***mill-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili***.

[55] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

Or. en

Emenda 1111
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-informazzjoni pprovduta minn organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti u awtoritajiet ta' monitoraġġ indipendenti dwar ir-rispett tal-prinċipji u l-obbligi fil-livell tal-UE u dak internazzjonali u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 1112
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-ġurisprudenza li tevolvi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Or. en

Emenda 1113
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) rapporti u analiżijiet rilevanti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, NGOs u korpi indipendenti

Or. en

Emenda 1114
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-ġurisprudenza li tevolvi tal-qrati Ewropej.

Or. en

Emenda 1115
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(db) il-ġurisprudenza li tevolvi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Or. en

Emenda 1116
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità sufiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-	***imħassar***

fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

---

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

Or. en

Emenda 1117
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti ***għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva***	3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti ***għall-protezzjoni tal-fruntieri tagħhom u għal rispons sod għall-migrazzjoni illegali***.

dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

---

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

Or. en

Emenda 1118
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] ***u*** r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.	3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali ***li jistabbilixxu approċċ strateġiku*** biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti***, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-pożizzjoni ġeografika tagħhom***. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. ***L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw dawn l-istrateġiji filwaqt li jqisu*** r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa

skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Or. es

Emenda 1119
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ***ta' ġestjoni*** tal-ażil ***u l-migrazzjoni*** skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu	3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva tal-ażil skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti

strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] ***u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji*** nazzjonali ***għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896***. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil]**.** ***L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jistabbilixxu l-istrateġiji*** nazzjonali ***tagħhom***. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

---

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

Or. en

Emenda 1120
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***għandu jkollhom fis-seħħ*** strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ***ġestjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta'	3. L-Istati Membri ***huma liberi li jistabbilixxu*** strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ***mitigazzjoni*** tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li

kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali ***għandhom*** jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu ***minnhom*** fil-livell nazzjonali. Huma ***għandhom iqisu*** strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], ***għandhom*** jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali ***huma mħeġġa*** jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu ***mil-leġiżlazzjoni*** fil-livell nazzjonali. Huma ***mħeġġa jqisu*** strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], ***jistgħu*** jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

Or. en

Emenda 1121
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) ***XXX/XXX*** [Il-Fond ***għall-Migrazzjoni u l-Ażil***] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-	3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) ***2021/1147*** [Il-Fond ***għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni***] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE)

Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.	XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.
[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.	[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

Or. en

Emenda 1122
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-	***imħassar***

monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.

Or. en

Emenda 1123
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena*** li ***jistabbilixxi*** l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. ***Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.***	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***rapporti annwali dwar is-sitwazzjoni*** li ***jistabbilixxu*** l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1124
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. ***Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.***	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 1125
Charlie Weimers

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar ***il-Ġestjoni*** tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u ***t-tħejjija tal-Unjoni*** u l-Istati Membri***. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna***. ***Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.***	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar ***il-Mitigazzjoni*** tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u ***l-azzjonijiet ippjanati mill-Unjoni*** u l-Istati Membri ***biex jindirizzaw l-isfida ta' pressjoni migratorja akbar***.

Or. en

Emenda 1126
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni

antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.

antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri.

Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll l-għadd totali ta' kontribuzzjonijiet

ta' solidarjetà mbassra għas-sena ta' wara li se jkunu meħtieġa biex jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri li huma jew jistgħu jkunu f'sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja, abbażi tal-evoluzzjonijiet antiċipati tas-sitwazzjoni migratorja. Ir-rapport għandu jindika t-tip u s-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà meħtieġa.

Or. en

Emenda 1127
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport ***dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni*** kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni ***migratorja*** u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni ***u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna***. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport ***dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil*** kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni ***tal-ażil*** u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri***, inkluża kwalunkwe indikazzjoni li s-sistema tal-ażil jew tal-akkoljenza ta' Stat Membru wieħed jew aktar tista' tkun f'riskju ta' pressjoni jew tista' tiġi f'riskju ta' tali pressjoni fit-12-il xahar ta' wara***. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati ***u lil kwalunkwe organizzazzjoni involuta f'tali operazzjonijiet,*** u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ***minorenni mhux akkumpanjati u*** ċittadini ta' pajjiżi terzi ***oħra*** li huma ***f'qagħda*** vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-

fejn xieraq.

rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq. ***F'każ li sussegwentement titwettaq valutazzjoni tal-pressjoni fi Stat Membru wieħed jew aktar f'konformità mal-Artikolu 50, ir-Rapport dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil għandu jiġi aġġornat kif xieraq.***

Or. en

Emenda 1128
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar ***il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni*** kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. ***Fil-każ ta' flussi*** migratorji ***ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ,*** il-Kummissjoni għandha ***tikkonsulta lill-Istati*** Membri ***kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna***. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar ***il-Migrazzjoni*** kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri ***fir-rigward tal-fatturi esterni u interni li jinfluwenzaw il-flussi*** migratorji***.*** Il-Kummissjoni għandha ***tibni fuq il-kontributi mill-Istati*** Membri ***meta tfassal ir-rapport***. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.

u jipproponi titjib fejn xieraq.

Or. en

Emenda 1129
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu ***jistabbilixxi l-għadd*** totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.	4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati***, li l-valutazzjonijiet tagħhom għandhom jitqiesu kif xieraq,*** u r-Rapport għandu ***jinkludi stima indikattiva tal-għadd*** totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.

Or. es

Emenda 1130

Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-ewwel Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Asil għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel Rapport dwar il-ġestjoni tal-Migrazzjoni għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	***imħassar***

Or. en

Emenda 1131
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-ewwel ***Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Asil għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel*** Rapport dwar il-ġestjoni tal-Migrazzjoni għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-ewwel Rapport dwar il-ġestjoni tal-Migrazzjoni għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 1132
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali*** sa mhux aktar tard minn ***[***sena wara ***d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***. ***L-ewwel Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Asil għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel Rapport dwar il-ġestjoni tal-Migrazzjoni għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***	5. ***Abbażi tar-rapport, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tibda proċeduri ta' ksur biex tiżgura l-konformità.*** L-Istati Membri għandhom ***jippreżentaw skeda ta' żmien sa meta se jiżguraw il-konformità mal-acquis tal-UE*** sa mhux aktar tard minn sena wara ***l-pubblikazzjoni tar-rapport***.

Or. en

Emenda 1133
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali ***sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***. L-ewwel Strateġija Ewropea ***għall-Ġestjoni*** tal-Migrazzjoni u l-Asil għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel Rapport dwar ***il-ġestjoni*** tal-Migrazzjoni għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali ***fi żmien xieraq b'kont meħud tal-prijoritajiet politiċi nazzjonali***. L-ewwel Strateġija Ewropea ***għall-Mitigazzjoni*** tal-Migrazzjoni u l-Asil għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel Rapport dwar ***il-Mitigazzjoni*** tal-Migrazzjoni għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 1134
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-ewwel Strateġija Ewropea ***għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Asil*** għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel Rapport dwar ***il-ġestjoni tal-Migrazzjoni*** għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-ewwel Strateġija Ewropea ***għall-Asil*** għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel Rapport dwar ***is-Sitwazzjoni tal-Asil*** għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Or. en

Emenda 1135
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni migratorja permezz ta' rapporti regolari tas-sitwazzjoni bbażati fuq data u informazzjoni ta' kwalità tajba pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija tal-Asil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol u mill-Aġenzija għad-	6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni migratorja permezz ta' rapporti regolari tas-sitwazzjoni bbażati fuq data u informazzjoni ta' kwalità tajba pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija tal-Asil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol u mill-Aġenzija għad-

Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u n-Network tiegħu.	Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u n-Network tiegħu***, u r-rapporti pprovduti mill-organizzazzjonijiet fl-Artikolu 6(2)(da)***.

Or. en

Emenda 1136
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ***migratorja*** permezz ta' rapporti regolari tas-sitwazzjoni bbażati fuq data u informazzjoni ta' kwalità tajba pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija tal-Asil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol u mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u n-Network tiegħu.	6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ***tal-asil*** permezz ta' rapporti regolari tas-sitwazzjoni bbażati fuq data u informazzjoni ta' kwalità tajba pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija tal-Asil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol u mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali***, organizzazzjonijiet internazzjonali, NGOs, u korpi indipendenti*** u b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u n-Network tiegħu.

Or. en

Emenda 1137
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ***migratorja*** permezz ta' rapporti regolari tas-sitwazzjoni bbażati fuq data u informazzjoni ta' kwalità tajba pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija tal-Asil, ***mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol u*** mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u ***b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u n-Network tiegħu***.	6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ***tal-asil*** permezz ta' rapporti regolari tas-sitwazzjoni bbażati fuq data u informazzjoni ta' kwalità tajba pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija tal-Asil, mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali***, minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNHCR*** u ***mill-Kunsill tal-Ewropa, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u mekkaniżmi internazzjonali u nazzjonali indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem***.
	Or. en

Emenda 1138
Cyrus Engerer

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Proċedura fil-każ ta' pressjoni migratorja
	1. Stat Membru, li jqis ruħu taħt pressjoni migratorja eċċessiva minħabba influss ta' wasliet fi Stat Membru individwali li jagħmel il-faċilitajiet nazzjonali ta' migrazzjoni u ta' akkoljenza tiegħu inadegwati, għandu jinnotifika minnufih lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni b'dan.
	Fi żmien ġimgħa min-notifika, il-Kummissjoni għandha tibda valutazzjoni tas-sitwazzjoni migratorja f'dak l-Istat Membru individwali.
	Fi żmien ġimagħtejn min-notifika, il-Kummissjoni għandha tikkoordina u tiffaċilita l-miżuri meħtieġa, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni biex titnaqqas il-pressjoni

migratorja fuq l-Istat Membru individwali.

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll mal-Istati Membri dwar il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà skont l-Artikolu 52(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà f'konsultazzjoni mal-Istat Membru fil-bżonn, li jiddeskrivi l-miżuri meħuda fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 52.

Or. en

Emenda 1139
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni	
1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	

2. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

---

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1140
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni	
1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed	

jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

2. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

---

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1141
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 7	***imħassar***
Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni	
1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	
2. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	
3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.	

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1142
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni***	7 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***dwar il-mitigazzjoni tal-migrazzjoni, it-twaqqif ta' ċentri ta' akkoljenza u l-faċilitazzjoni tar-ritorni***

Or. en

Emenda 1143
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni***	Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri***

Or. en

Emenda 1144
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni***	Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni***

Or. en

Emenda 1145
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni***	7 Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ***fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni***

Or. en

Emenda 1146
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. F'konformità mal-Artikolu 3(2)(a), il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kif ukoll mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, għandha tibni sħubiji mfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi rilevanti bil-ħsieb li jintlaħqu aħjar l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni.
	Tali sħubiji għandhom jipprovdu qafas għall-koordinazzjoni aħjar tal-politiki ma' pajjiżi terzi u joħolqu sitwazzjoni fejn jibbenefika kulħadd għaż-żewġ sħab, u għandhom ikunu bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u r-rispett tal-valuri komuni tal-Unjoni.
	Għandhom ikunu primarjament ibbażati fuq approċċ "aktar għal aktar", fejn aktar kooperazzjoni min-naħa ta' pajjiż terz jenħtieġ li tirriżulta f'aktar appoġġ mill-Unjoni f'diversi oqsma ta' politika.
	Dan jista' jinkludi l-kooperazzjoni dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-akkoljenza tar-rifuġjati, il-politiki dwar il-viżi, l-għajnuna għall-iżvilupp, il-ftehimiet ta'

ritorn u riammissjoni, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u n-networks ta' faċilitazzjoni ta' migrazzjoni irregolari, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment id-drittijiet tat-tfal.

Or. en

Emenda 1147
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	***imħassar***

_____

*[57] **Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.***

Or. en

Emenda 1148
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn*** il-Kummissjoni***, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz***.	1. Il-Kummissjoni ***u l-Istati Membri għandhom jippromwovu sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni u t-twaqqif ta' ċentri ta' akkoljenza***.

_____

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1149
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-	1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-

analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha ***tipparteċipa fi djalogu ta' livell għoli ma' dak il-pajjiż terz u l-Istati Membri biex isibu soluzzjonijiet komuni u ġusti għal funzjonament aħjar tas-sħubija.***

Jekk id-djalogu ta' livell għoli ma jiġġenerax biżżejjed titjib, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1150
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn*** il-Kummissjoni***, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2)***	1. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu sħubiji ta'***

jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [57] ***u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq*** ir-riammissjoni ***ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz***.

benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ***u l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni, inkluża l-applikazzjoni sħiħa tal-politika dwar il-viżi, kif ukoll il-kundizzjonalità tal-għajnuna għall-iżvilupp biex tippromwovi l-kooperazzjoni dwar*** ir-riammissjoni.

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1151
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-	1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-

identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz ***u mingħajr preġudizzju għalihom, u f'konsultazzjoni mas-servizzi rilevanti kollha tal-Kummissjoni u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***.

---

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1152
Tomas Tobé, Lena Düpont, Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn*** il-Kummissjoni***, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[57] ***u ta' kwalunkwe informazzjoni*** oħra ***disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq*** ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz***.	1. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti dwar il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.*** Il-Kummissjoni ***u l-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni fil-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni u l-valutazzjoni tal-applikazzjoni sħiħa tal-politika dwar il-viżi u ta' miżuri*** oħra ***mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiffaċilitaw ir-ritorn u*** r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1153
Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Moritz Körner, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. ***Dawn il-miżuri qatt ma għandhom jikkontradixxu l-valuri jew il-prinċipji tal-UE.***
[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.	[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

Or. en

Emenda 1154
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu s-sħubiji u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi rilevanti dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni u b'mod partikolari jenħtieġ li japplikaw bis-sħiħ il-prinċipju li l-għajnuna għall-iżvilupp hija kundizzjonali fuq impenji qawwija fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni.

Or. en

Emenda 1155
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-miżuri meħuda jenħtieġ li dejjem jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal.

Or. en

Emenda 1156
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu sħiħ mill-politika dwar il-viża u miżuri relatati mfassla biex jinċentivaw il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiġi ffaċilitat ir-ritorn rapidu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

Or. en

Emenda 1157
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1158
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn*** il-Kummissjoni ***tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex***	2. Il-Kummissjoni***, il-Kunsill u*** l-Istati Membri ***għandhom, fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jieħdu***

jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	***azzjonijiet li jippromwovu l-objettivi konġunti u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jindirizzaw il-kawżi u fatturi li jixprunaw il-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, u biex jistabbilixxu sistema li tipprovdi aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali minn ċentri ta' pproċessar f'pajjiżi terzi kif ukoll*** biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.
	Or. en

Emenda 1159
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fejn*** il-Kummissjoni ***tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost*** l-Istati Membri ***biex jiffaċilitaw*** ir-ritorn ***ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***.	2. Il-Kummissjoni ***u*** l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw l-integrazzjoni tal-politiki dwar il-mitigazzjoni tal-migrazzjoni fil-politiki rilevanti kollha tal-Unjoni, inkluża l-applikazzjoni tal-politika dwar il-viżivi, kif ukoll il-kundizzjonalità tal-għajnuna għall-iżvilupp għall-promozzjoni tar-riammissjoni, l-istabbiliment taċ-ċentri ta' akkoljenza għall-ipproċessar u l-faċilitazzjoni tat-talbiet milqugħa għall-protezzjoni internazzjonali u l-kooperazzjoni dwar*** ir-ritorn.
	Or. en

Emenda 1160
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.	2. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment***, inkluż li ma tingħatax għajnuna għall-iżvilupp u forom oħra ta' għajnuna finanzjarja u mhux finanzjarja minn pajjiż terz sakemm ma jkunx hemm kooperazzjoni***.

Or. en

Emenda 1161
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri għandhom, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom, jieħdu azzjonijiet li jrawmu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jindirizzaw il-kawżi u l-fatturi li jixprunaw il-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, billi japplikaw bis-sħiħ il-prinċipju tal-kundizzjonalità tal-għajnuna deskritt fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1162
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1163
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1164
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1165
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz***, inkluż ir-rispett għall-objettivi tal-politiki esterni kif elaborat fl-Artikolu 21 tat-TUE u l-valutazzjoni tal-impatt li dawn l-azzjonijiet potenzjali jista' jkollhom fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-paċi u s-sigurtà, l-iżvilupp u l-qerda tal-faqar***.

Or. en

Emenda 1166
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.	3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz ***inkluż li ma jingħatawx għajnuna għall-iżvilupp jew forom oħra ta' finanzjament***.

Or. en

Emenda 1167

Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Michal Šimečka, Moritz Körner, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***żżomm*** lill-Parlament Ewropew ***infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu***.	4. ***Fuq bażi annwali,*** il-Kummissjoni għandha ***tevalwa l-effiċjenza u l-konformità mad-drittijiet fundamentali tal-kooperazzjoni msemmija taħt dan l-Artikolu, u tirrapporta*** lill-Parlament Ewropew ***u lill-Kunsill***. ***L-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-UE għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni għal din l-evalwazzjoni annwali, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil***.

Or. en

Emenda 1168
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni*** ta' dan l-Artikolu.	4. ***Fuq bażi annwali,*** il-Kummissjoni għandha ***tevalwa l-effiċjenza tas-sħubiji msemmija fl-ewwel paragrafu, kif ukoll l-implimentazzjoni*** ta' dan l-Artikolu***, u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***.

Or. en

Emenda 1169
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha ***żżomm*** lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.	4. Il-Kummissjoni għandha ***tikkonsulta*** lill-Parlament Ewropew ***waqt it-tħejjija tar-rapport u żżommu*** infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1170
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.	4. Il-Kummissjoni għandha żżomm ***lill-parlamenti nazzjonali u*** lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1171
Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Michal Šimečka, Moritz Körner, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Ir-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni kollha mal-pajjiżi terzi msemmija f'dan l-Artikolu għandhom isiru skont ftehimiet internazzjonali formali tal-UE; l-arranġamenti informali għandhom jiġu evitati.

Or. en

Emenda 1172
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE
	1. Bil-għan li tappoġġja r-rilokazzjoni obbligatorja stabbilita f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, li jaġixxi bħala punt ta' kuntatt, sabiex jikkoordina l-attivitajiet ta' rilokazzjoni mill-Istat Membru benefiċjarju għall-Istati Membri kontributuri li jimplimentaw l-obbligi tagħhom imsemmija fil-Parti IV ta' dan ir-Regolament.
	2. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu:
	(a) jikkoordina u jappoġġja l-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri involuti;
	(b) iżomm rendikont tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni u segwitu fuq ir-rilokazzjonijiet li jkunu għaddejjin, u fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri involuti;
	(c) jorganizza, f'intervalli regolari, laqgħat bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru benefiċjarju, u l-Istati Membri kontributuri, biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet, inkluż f'livell operazzjonali, sabiex jiġu ffaċilitati l-aħjar interazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, fl-interess tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni u l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju;
	(d) jippresjedi l-laqgħat tal-Forum ta' Solidarjetà;

(e) jippromwovi l-aħjar prattiki fil-qasam tar-rilokazzjoni;

(f) iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu l-kapaċitajiet u r-rieda tal-awtoritajiet reġjonali u lokali li jieħdu sehem fi sforzi ta' rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 1173
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE
	1. Bil-għan li tappoġġja l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' distribuzzjoni skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, li jikkoordina r-rilokazzjoni mill-Istat Membru benefiċjarju għall-Istati Membri kontributuri.
	2. Fil-kompiti tiegħu, il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE jenħtieġ li jkun megħjun minn Uffiċċju sabiex jappoġġja l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni tal-proċeduri.
	3. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE se jkun appoġġjat mill-Aġenzija tal-Ażil li għandha l-kompitu li tikkalkula l-koeffiċjent tad-distribuzzjoni, li twaqqaf u tiġġestixxi software Awtomatizzat biex jiddistribwixxi l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en